


# Il-mużika tas-Surmastrijiet Nani u l-festa tal-Lunzjata

**Miġbura minn Carmel Bezzina**

*Għal dawn l-aħħar snin, bħala parti mill-festa titulari ta' Marija Annunzjata, il-Każin tal-Banda San Gabriel qed jieħu ħsieb jorganizza ta' kull sena serata kulturali bil-għan li jikber l-għarfien fost id-dilettanti Balzanin ta' xi aspett jew ieħor tal-festa. Dan l-għarfien għandu jgħin biex joktor l-apprezzament tal-festi tagħna u minn okkażjonijiet purament ċelebrattivi jittrasformahom f'okkażjonijiet edukattivi u kulturali bit-tama li jiggarantilhom ħajja itwal marbuta mal-għeruq u mal-identità tal-poplu tagħna. Din il-lejla kulturali ta' kull sena hija fi ħsieb l-istoriku Balzani Carmel Bezzina. Is-serata tas-sena li għaddiet (2010), li saret nhar l-20 ta' Lulju, kellha bħala tema "Il-mużika tas-Surmastrijiet Nani fil-festa tal-Lunzjata f'Ħal Balzan".*

Il-mistieden speċjali ta' din l-okkażjoni kien il-mużikologu Joseph Vella Bondin, awtorità fl-istorja tal-mużika f'Malta. Is-Sur Vella Bondin beda l-istudju tal-mużika maż-żewġ każini tal-banda tal-Ħamrun meta kellu tmien snin. Studja l-vuċi u l-interpretazzjoni ma' Charles Bisazza u Josie Satariano, u t-teorija, l-armonija, il-kuntrapunt u l-istorja l-aktar ma' Carmelo Pace. Kellu karriera twila u impenjattiva bħala wieħed mill-kantanti liriċi ewlenin ta' Malta b'vuċi ta' baxx. Fil-knejjes tagħna kien ikanta mal-aqwa *maestri di cappella* ta' Malta u Għawdex, fosthom Paul Nani, Ċensu Bugeja, Giuseppe Camilleri u Frankie Diacono f'Malta, u Ġanni Vella u Dun Martin Portelli f'Għawdex. Dawn l-attivitajiet qanqlulu interess fil-mużika Maltija li dwarha kiteb ħafna, sew Malta kif ukoll barra. Fost ix-xogħlijiet l-aktar magħrufa tiegħu nsibu l-istorja tal-mużika f'Malta li ġiet ippubblikata f'żewġ volumi fis-sensiela Kullana Kulturali (Pubblikazzjonijiet Indipendenza). L-ewwel volum: *Il-Mużika f'Malta sa l-Aħħar tas-Seklu Tmintax* ingħata l-Premju Letterarju fil-Kategorija Riċerka tal-2001. Apparti l-interess professjonali tiegħu fil-mużika, is-Sur Vella Bondin kien jgħallem il-Macro-Economics u l-Financial Managment fl-Università ta' Malta.

Is-serata bdiet billi s-Sur Vella Bondin, wara li rringrazzja lis-Sur Carmel Bezzina li stiednu għal din il-lejla, feraħ lill-Każin tal-Banda San Gabriel għal dan il-kontribut: "Nieħu gost li t-taħdita tiegħi qed issir f'dan il-post. L-ewwel nett, nemmen li l-każini bandistiċi għandhom ikunu għajn ewlenija ta' tixrid tal-istorja u l-kultura mużikali tagħna. Wara kollox is-sehem li kellhom u għad għandhom il-baned Maltin fil-firxa tal-mużika fin-nazzjon tagħna hu qawwi ħafna. U jekk nikkombinaw iż-żewġ elementi mużikali li huma l-bażi tal-laqgħa tagħna tal-lum – il-knisja u l-każin tal-banda – insibu l-għodda ewlenija tat-tixrid u l-għarfien tal-mużika f'art twelidna. Ma nistax ma nfaħħarx il-każin tagħkom għall-użu ta' mezzi differenti biex ixerred il-kultura mużikali, per eżempju b'dawn it-taħditiet, u anke bl-internet."

Tul is-serata Carmel Bezzina intervista lis-Sur Vella Bondin, li ta ħjiel tal-istorja tal-mużika sagra f'pajjiżna b'emfasi speċjali fuq iż-żewġ kappelli ewlenin, dik ta' Bugeja u dik ta' Nani, bil-pika li nibtet bejniethom tul is-seklu dsatax. Il-programm kien imżewwaq bi *slide projection* ta' mużiċisti ewlenin Maltin, imħejji mis-Segretarju Saviour Deguara. Intwerew ukoll *clips* awdjo-viżwali tal-Antifoni tal-Lunzjata meħudin mis-serata mużiko-letterarja fl-okkażjoni tal-festi li saru f'Ħal Balzan fis-sena 2005 biex ifakkru t-350 sena mit-twaqqif tal-parroċċa. F'din il-kitba qed inġibu l-intervista f'din is-serata għall-interess tal-qarrejja.

**Tista' tagħtina ħjiel tal-mużika sagra fil-parroċċa ta' Ħal Balzan u tal-*maestri di cappella* li servew f'din il-parroċċa?**

Skont l-istorja ta' Ħal Balzan, kif ikkompilata minn Mons. Dun Ġwann Dimech, l-ewwel darba li

fir-reġistru tad-dħul u l-ħruġ tal-parroċċa tissemma l-mużika għall-festa tal-Lunzjata kien kważi tliet sekli ilu, fis-sena 1726. Iżda l-ewwel surmast tal-mużika mniżżel fir-reġistri tal-parroċċa bħala '*maestro di cappella*' kien Melchiorre Sammartin fis-sena 1784. Il-ħatra ta' dan is-surmast hi xhieda ċara li l-parroċċa riedet li l-mużika li tinstema' kellha tkun l-aqwa possibbli ladarba dan is-surmast kien ukoll il-*maestro di cappella* ta' San Ġwann, dak iż-żmien il-knisja konventwali tal-Ordni ta' San Ġwann u llum il-Konkatidral. Sammartin dam jaqdi lill-Parroċċa ta' Ħal Balzan sal-1794. Warajh ġew: il-Kanonku Debono (1795–1849) u Filippo Bugeja (1850–1871), membru tal-Familja Bugeja, familja ta' kompożituri u *maestri di cappella*, u għalhekk inħossni ċert li l-mużika liturġika li kien isemma' kienet tal-Familja Bugeja ladarba hu ftit ikkompona.

Wara Filippo Bugeja, il-parroċċa ta' Ħal Balzan għamlet kambjament kbir għax iddeċidiet li l-mużika liturġika li kellha tibda tinstema' waqt il-festa tal-Lunzjata ma kellhiex tkun aktar tal-Kompożituri Bugeja imma dik tal-Kompożituri Nani, li għadha tinstema' sal-lum. Waħda mill-ewwel kompożizzjonijiet li kiteb Paolo Nani għal Ħal Balzan kienet l-antifona spettakulari *Spiritus Sanctus* li, sa fejn naf jien, għadha tindaqq sal-lum. Il-*maestri di cappella* li mexxew din il-mużika huma: Dr Paolo Nani (1872–1904), Antonio Nani (1905–1927), Paul Nani (1928–1967), Abele Calleja (1968–1977), Patri Louis Bajada O.Carm. (1978), Joseph Gatt (1979–1996), u Lawrence Scicluna (1997– ).

Semmejt lil Filippo Bugeja, membru tal-Familja Bugeja, li bejn l-1850 u l-1871 mexxa l-mużika fil-festa tal-Lunzjata. X'seta' ġara biex il-Balzanin qalbu mill-mużika ta' Bugeja għal dik ta' Nani?

Huwa interessanti li Ħal Balzan bidel mill-Mużika Bugeja għall-Mużika Nani fl-epoka meta rivalità bejn żewġ partiti, wieħed favur in-Naniet u l-ieħor favur il-Bugejisti, kienet qiegħda tinħema. Għaliex il-Balzanin biddlu? Ma nafx. Forsi wieħed jista' jispekola. Dan ir-raħal u l-inħawi dejjem kellhom rabtiet mal-Kavallieri u n-nies sinjuri tal-Belt. Il-Familja Nani kienet familja prominenti tal-Belt bil-membri tagħha attivi f'żewġ oqsma ta' preġju – il-mużika u l-ġurisprudenza. Kienet x'kienet ir-raġuni, in-nies ta' Ħal Balzan bidlu l-alleanza tagħhom mill-mużika ta' Bugeja għal dik ta' Nani. Kienet x'kienet ir-raġuni, kienet rebħa għall-Familja Nani u telfa għall-Familja Bugeja. Rebħa, biex nuża terminoloġija moderna, għall-partitarji tal-mużika Nanista u telfa għall-partitarji tal-mużika Bugejista. U fatt li għen biex ir-rivalità bejn iż-żewġ fazzjonijiet aktar tisħon u tikber. Kif wieħed jistenna f'dawk iż-żminijiet, il-lokalità fejn seħħew il-manifestazzjonijiet tal-appoġġ partiġġjan kienet l-aktar il-Belt Valletta, u t-tliet naħat partikulari tal-Belt Valletta kienu Strada Rjali bejn il-Każin La Vallette u t-Teatru Rjal, l-imwaqqa' Teatru Rjal, fil-bidu ta' Strada Mezzodì (South Street) fejn kienet id-dar residenzjali tal-familja Nani, li s-sular t'isfel kien il-ħanut tal-mużika Nani, u Stada Vescovo (illum Triq l-Arċisqof) fejn kienet toqgħod il-Familja Bugeja.

## Kif bdiet ir-rivalità bejn il-Familja Nani u l-Familja Bugeja?



Pietro Paolo Bugeja

Il-bidu ta' dawn il-ġrajjiet imur lura għall-bidu tas-seklu dsatax u s-suġġett tagħhom kien il-mużika li kienet tinstema' fil-knejjes tagħna. Insibu l-preludju tagħhom fil-figura ta' Pietro Paolo Bugeja, imwieled il-Belt, mgħammed fil-Parroċċa ta' San Pawl u joqgħod fid-dar 26, Strada Vescovo. Mużiċista u kompożitur gwapp, fis-6 ta' Frar tal-1809 ġie nominat *maestro di cappella* metropolitan, li timplika li kellu jieħu ħsieb il-mużika liturġika sew fil-Katidral tal-Imdina u sew fil-Konkatidral ta' San Ġwann. Dil-kariga naturalment xerrdet il-fama tiegħu ma' Malta kollha u numru ta' parroċċi bdew isejħulu biex jagħmlilhom ukoll il-mużika, forsi biex ikunu jistgħu jiftaħru li kienu jġibu s-surmast tal-Katidral. Biex ikun jista' jaqdi dawn il-kummissjonijiet, Pietro Paolo Bugeja impjega miegħu dawk il-vuċijiet u l-istrumentalisti li kien ikollu bżonn biex ikun jista jesegwixxi l-biċċiet tal-mużika, ħafna drabi miktuba minnu stess, li l-festa kienet tinħtieġ. Fit-terminoloġija mużikali, grupp ta' mużiċisti li jagħmlu mużika fi knisja jissejħu *cappella di musica* u s-surmast li jieħu ħsiebhom u jidderiġihom u jikteb u jagħżel il-mużika *maestro di cappella*. U hekk kienet il-bidu ta' dik li sal-lum għadna nsejħulha l-*Cappella* Bugeja.



Vincenzo Bugeja

Pietro Paolo Bugeja miet fit-12 ta' Ġunju tal-1828, u mal-mewt tiegħu kien ibnu Vincenzo, dak iż-żmien ġuvni ta' 22 sena, li nħatar *maestro di cappella* metropolitan. Vincenzo wiret ukoll il-*Cappella* Bugeja u kompla fejn ħalla missieru jikkomponi u jagħmel il-mużika f'numru dejjem jikber ta'


Dr Paolo Nani

parroċċi u knejjes oħra Maltin.

**Dan ifisser li l-*Cappella* Bugeja tmur lura fis-snin aktar mill-*Cappella* Nani.**

Iva, għal aktar minn erbgħin sena l-familja Bugeja ddominat il-mużika li kienet tinstema' fil-parroċċi u l-knejjes Maltin. Iżda fl-1839 tfaċċa fix-xena Paolo Nani. Dan ukoll kellu antenati fil-mużika. Infatti nannuh kien Angelo Nani, ta' dixxendenza nobbli Venezjana u vjolinista gwapp li kien ġie Malta fl-1766 biex jaħdem ta' vjolinista mal-Ordni ta' San Ġwann, u zijuh Emanuele Nani, vjolinista tal-istess fama ta' missieru Angelo imma li kien jagħmel il-mużika prinċipalment barra minn Malta, l-aktar l-Italja. Paolo Nani studja ta' avukat; infatti fl-1832, ta' 18-il sena, kien ġa ħa l-lawrja ta' avukat mill-Università ta' Malta. Iżda l-ħajra tiegħu kienet il-mużika u mar ġo Napli biex jistudjaha sewwa. Ġie lura fl-1839, dak iż-żmien kellu 25 sena, u l-konnessjoni tal-familja tiegħu ma' knejjes ġewwa l-Belt mal-ewwel ġabitlu kummissjonijiet biex jagħmel mużika liturġika, l-ewwel f'tal-Karmnu u mbagħad, fl-1840, f'San Pawl Nawfragu. Għaqqad ukoll il-*cappella di musica* tiegħu, l-aktar minn mużiċisti li kienu ngaġġati fit-Teatru Manoel, u beda jikteb il-muzika liturġika li kellu bżonn, fosthom il-famuża antifona, *Sancte Paule* li għadha tindaqq sal-lum.

Din il-mużika mill-ewwel qajmet kontroversja. Ejja naraw x'kitbu gazzetti kontemporanji.

***L'Osservatore Maltese* kiteb hekk:**

Il-mużika mill-aktar storbjuża (li nstemgħet matul il-festa tal-Madonna tal-Karmnu ta' Lulju 1844 fil-Belt Valletta) kienet ta' Dr Paolo Nani. F'waħda mill-ħarġiet ta' dan il-ġurnal konna tkellimna fuq il-mużika li biha qed nipprofanaw id-dar t'Alla u konna qed nalludu l-aktar għalih. L-orkestra kbira, li kellha wisq strumenti tar-ram, m'għamlet l-ebda armonija imma taħwid sħiħ. In-numru eċċessiv ta' vuċijiet tarrax il-widnejn u ma smajniex ħlief konfużjoni li stordiet lill-imsejkna fidili. Fil-mużika smajna valzi, kabaletti, u siltiet ta' mużika operistika adattati sagrileġament għall-kliem qaddis... U l-isqof ma jgħid xejn?[1]

**F'*Il Portafoglio Maltese* nsibu:**

Minn ftit ta' żmien ilu, meta dħalna f'xi knejjes għal xi solennità u smajna l-mużika li ndaqqet biex takkumpanja ċ-ċelebrazzjoni tar-riti sagri, ħassejna li għandna nwerżqu f'qalbna kontra l-profanazzjoni li bdiet issir!... X'abbuż intollerabbli!... Ma nistgħux nifhmu kif awtorità mdawla għadha ma ħasbitx biex tirrimedja għal dan l-iskandlu li qed isir mingħajr l-ebda rimors quddiem l-artal t'Alla.[2]

Min-naħa l-oħra, il-mużika ta' Vincenzo Bugeja ħlief tifħir ma kinitx qed taqla'.

***L'Osservatore Maltese* kiteb:**

Il-mużika Ii akkumpanjat il-quddiesa tal-funeral[3] kienet dik tal-mejjet Pietro Paolo Bugeja, il-magħruf *maestro di cappella* tal-Katidral, diretta minn ibnu s-Sur Vincenzo Bugeja, suċċessur denjissimu ta' missieru f'dik il-kariga ta' ġieħ. Il-mużika hi kapulavur ta' dan l-imsemmi professur ċittadin tagħna, u, fit-taħsir li minnu għaddejja l-mużika ekkleżjastika llum, tista' sservi ta' mudell għal xi wħud mis-surmastrijiet tagħna, li bil-ġibda li għandhom għal dak kollu teatrali, qegħdin sfortunatament jipprofanaw sikwit il-funzjonijiet sagri tagħna.[4]

**F'*L'Osservatore Maltese* nsibu wkoll:**

Il-*maestro di cappella* Vincenzo Bugeja għamel il-mużika (fil-festa ta' San Ġużepp f'Marzu 1844 fil-knisja ta' Ġieżu r-Rabat) li, minħabba l-istil verament ekkleżjastiku, għax kienet gravi u maestuża, kabbret is-solennità taċ-ċerimonji sagri u żiedet il-ġabra reliġjuża u d-devozzjoni.[5]

Imma minkejja t-tħambiq kontriha, il-mużika għal kollox operistika u teatrali ta' Paolo Nani ntgħoġbot u aktar u aktar knejjes bdew isejħulu biex jagħmlilhom il-mużika fil-festi. U hawn inħolqot is-sitwazzjoni klassika għalina l-Maltin[6] qasma kompetittiva fl-attenzjoni tal-poplu.

Aħna l-Maltin magħrufin kemm aħna kapaċi ninqasmu bejnietna fuq kollox, jekk ma tkunx il-politika, ikun il-futbol, dak iż-żmien kienet il-mużika tal-knejjes. Però hemm xi għeruq storiċi għal din ir-rivalità?

L-eredità tiġi mill-passat. Bħala poplu, dak li aħna llum hu dak li konna lbieraħ. U jekk illum medhijin bil-partiti u l-partiġjaniżmu, dawk li ġew qabilna kienu wkoll medhijin bil-partiti u l-partiġjaniżmu. Is-suġġett biss hu dak li nbidel. Jekk illum il-qasma dominanti tan-nazzjon hi l-politika, fiż-żminijiet li qed nitkellem dwarhom kienet il-mużika tal-knejjes.

L-ekonomija Maltija matul il-ħakma Ingliża ftaqret fi żminijiet ta' paċi u stagħniet f'dawk ta' gwerra.[7] Speċjalment it-tieni nofs tas-seklu dsatax, l-ewwel minħabba l-Gwerra tal-Krimea (1854–1856), imbagħad bil-ftuħ tal-Kanal ta' Swejz, kien perjodu ta' prosperità relattiva li matulu kien hawn żieda qawwija fil-popolazzjoni.[7] L-interess waħdani li l-Ingilterra kellha f'Malta kien il-valur strateġiku

tal-gzira u l-effiċjenza tagħha bħala fortizza f'nofs il-Baħar Mediterran. Minħabba f'hekk, l-attivitajiet vitali, fosthom dawk politiċi, amministrattivi u ekonomiċi, kienu f'idejha biss u l-popolazzjoni lokali ma kellha l-ebda kontroll fuqhom. Mill-bqija ma kinitx interessata f'affarijiet domestiċi. B'dawn il-limitazzjonijiet kbar fil-ħajja komunitarja, f'Malta seħħ dak li tant drabi jiġri f'minoranzi bla poter effettiv f'pajjiżhom. L-enerġija tal-poplu ntefgħet kollha kemm hi f'attività reliġjuża.[8] Il-knisja kienet iċ-ċentru tal-ħajja u l-kappillan iċ-ċittadin ewlieni u l-festa tal-qaddis titulari l-ġrajja l-aktar mistennija fis-sena.[9]

L-attenzjoni esaġerata tal-poplu fil-festi ma setgħetx ma ġġibx tilwim dwar dettalji kif iċ-ċelebrazzjoni ta' festa kellha tkun. Element ewlieni fil-festa liturġika hi l-mużika. F'sitwazzjoni fejn din issa, fuq bażi nazzjonali, kienet iddominata minn żewġ kappelli kbar, dik tal-Familja Bugeja u dik tal-Familja Nani, kienet ħaġa naturali li titwieled ukoll pika dwar liema mit-tnejn kienet l-aħjar. U b'hekk twieldu żewġ partiti popolari, il-partit ta' Bugeja u l-partit ta' Nani, partit wieħed isostni li l-kompożituri Bugeja kienu l-aħjar u b'mużika sensittiva skont ix-xewqa tal-Knisja, u l-partit l-ieħor isostni li ta' Nani kienu superjuri b'mużika effettiva u kontemporanja li tiġbed aktar nies lejn il-knejjes bħalma t-teatri operistiċi kienu jiġbdu n-nies tat-tajjeb.

Forsi taħsbu li l-mużika kienet suġġett wisq superfiċjali biex iqanqal passjonijiet qawwija fuq bażi nazzjonali kif, perezempju, tqanqal il-politika daż-żmien. Għandkom żball. Nerġgħu nduru lejn il-gazzetti tal-epoka biex nieħdu stampa ċara. Iżda qabel tajjeb tkunu tafu li kien tfaċċa surmast ieħor tal-Familja Nani. Dan kien iben Paolo Nani, Antonio Nani, li sa minn żgħożitu missieru, Paolo, ħarrġu biex ikun jista' jieħu f'idejh u jiret il-Kappella Nani.


Antonio Nani

**Għandu xi rabta s-Surmast Antonio Nani mal-festa tal-Lunzjata f'Ħal Balzan?**

Naħseb li r-rabta li tispikka għall-Balzanin hi li kitbilhom antifona, xogħol mill-aktar sabiħ tiegħu. Antonio twieled il-Belt Valletta fl-1842 u studja l-mużika ma' missieru Paolo, ma' Giuseppe Burlon u Giuseppe Spiteri Fremond u mal-kompożituri magħrufa Aniello Barbati u Nicola De Giosa f'Napli fejn għex bejn l-1867 u l-1879. Kien ġo Napli li kkompona l-biċċa l-kbira tax-xogħlijiet maturi tiegħu, inkluża l-ewwel opra *Zorilla* li kiteb fl-1870 u li saret għall-ewwel darba b'suċċess kbir f'Napli stess. Fl-1874 *Zorilla* saret Malta fit-Teatru Rjal u għall-partit Nanista din kienet ġrajja importanti. Il-fatt li Riccardo Bugeja, iben Vincenzo Bugeja, li issa kien wiret il-Kappella Bugeja, kien għadu ma kiteb l-ebda opra[10] ta l-opportunità li jiġi mżeblaħ il-partit tal-Bugejisti.


Riccardo Bugeja

**Il-*Corriere Mercantile Maltese* tirrakkonta:**

Kif il-bravu Surmast Anton Nani ħareġ mit-teatru l-Ħadd li għadda (18 ta' Jannar 1874, wara l-ewwel rappreżentazzjoni tal-opra *Zorilla*) sab ħafna nies biex jilqgħuh u jwassluh sa daru u japplawduh bl-aqwa mod possibbli. Sa hawn kollox mar tajjeb... Iżda xi individwi, fosthom xi xewwiexa ta' kundizzjoni soċjali tajba, ħasbu biex imorru ħdejn id-dar ta' surmast ieħor u bdew jinsultawh bi kliem mill-aktar baxx.[11]

Is-surmast l-ieħor naturalment kien Riccardo Bugeja, li dak iż-żmien kien għadu jgħix fid-dar tal-familja Bugeja fi Stada Vescovo. It-twiddib tal-gazzetta ma sewa xejn għax il-partiġjaniżmu aktar saħan. Xi ftit jiem wara li *Zorilla* kellha rappreżentazzjoni ad unur tal-kompożitur, li għaliha attenda wkoll il-Gvernatur ta' Malta flimkien ma' ħafna nies distinti li kollha faħħru x-xogħol ta' Anton Nani, l-istess gazzetta rrapportat:

Ilbieraħ kelli nassisti għal xena tassew iddardar bejn ċerti sinjuri jargumentaw b'leħen għoli u bi kliem vulgari - f'nofs it-triq - dwar il-prinċipji magħrufa tan-Nanisti u tal-Bugejisti. In-nies għaddejja wriet id-diżapprovazzjoni b'tisfir li jtarrax... F'ġieħ l-erwieħ, nagħmlu karità magħna nfusna! Ejjew ma naqbżux il-limiti b'esaġerazzjonijiet ridikoli u gwerer bla sens. X'Nanisti! X'Bugejisti! F'Malta Maltin biss għandu jkun hawn.[12]

Il-post fejn saret din il-ġlieda kien eżattament quddiem fejn illum hemm il-Każin La Vallette.

Il-problema bażika u traġika ta' partiġjaniżmu esaġerat hi l-periklu li kulma jingħad jittieħed kritika ta' xi wieħed mill-partiti. Hekk hu llum u hekk kien. F'Jannar 1880 saret fit-Teatru Rjal


Paul Nani




L-awtur Carmel Bezzina jintroduċi lil Joe Vella Bondin dakinhar tat-taħdita 'Il-Familja Nani nkonnessjoni mal-Parroċċa u l-festa tal-Lunzjata!

it-tieni opra li kkompona Anton Nani, il-famuża *I Cavalieri di Malta*. Xi rimarki li kitbet il-gazzetta *Corriere Mercantile Maltese* ittieħdu mill-Partit Nanista bħala kritika ta' din l-opra. Konxja mill-għawġ li din l-interpretazzjoni setgħet iġġibilha, il-gazzetta ma tnikkritx biex tiċħad dan:

Jiddispjaċina li kien hemm min interpreta ħażin dak li ktibna s-Sibt li għadda (17 ta' Jannar 1880). Jarralhom dawk li minħabba l-injoranza jew xi ħaġa oħra jsostnu li meta ktibna li l-mużika tfakkarna fis-sbuħija tal-*Aida*, tal-*Jone*, eċċ, qed ninsinwaw xi ħaġa differenti minn dik li *I Cavalieri [di Malta]* għandha mużika li fis-sbuħija tagħha tfakkarna f'dik ta' Verdi u ta' Petrella. U mentri aħna b'dan ridna nonoraw lil Mro. Nani, kien hemm min bagħat jgħidilna li l-partiġjaniżmu qed iġagħalna mmaqdru! Ħadd ma jista' jakkużana li meta nitkellmu fuq il-mużika nitkellmu b'ispirtu ta' partit![13]

### Din il-pika għenet jew fixklet il-kitba ta' mużika sagra ġdida?

Mhemmx dubju li l-partiti offrew vantaġġi kemm lil Riccardo Bugeja u kemm lil Paolo Nani. Minħabba fihom il-kappillani, il-kleru, u l-prokuraturi kienu jħossu pressjoni diretta u psikoloġika jew biex, sena wara sena, ikomplu jikkummissjonaw l-istess *maestro di cappella* jew biex jintroduċu l-mużika li jrid partit fil-knejjes tagħhom. Din is-sitwazzjoni għamilha ċara Dun Calcedonio Schembri, ftit wara li laħaq kappillan tal-Imsida, fl-ittra li bagħat lill-Isqof Pietro Pace fis-7 ta' Ġunju 1901, fejn fissirlu r-raġunijiet li wassluh biex jitlob, għall-ewwel darba mit-twaqqif tal-parroċċa fl-1867, il-permess ħalli jaħtar immedjatament *maestro di cappella* tal-fiss:

...il-bdil kull sena tad-direttur hu kawża ta' nuqqas ta' qbil u ħafna lmenti... Biex nelimina għal kollox kwalunkwe partit... beħsiebni naħtar *maestro di cappella* permanenti... Tkellimt ma' ħafna parruċċani li kollha qablu li għandi nagħżel bħala *maestro di cappella* lis-sur Riccardo Bugeja...[14]

### Tgħid inkun qed nispekola bla bżonn jekk nikkonkludi li l-bdil fil-mużika li saret fil-Parroċċa tal-Lunzjata kien minħabba pressjoni ta' partit?

Iżda biex niġi għad-domanda tiegħek, nista' ngħid li l-aħħar deċennji tas-seklu dsatax kienu snin ta' staġnar fil-mużika liturġika. Ir-raġuni prinċipali ma kinitx nuqqas ta' talent ġdid – kompożituri b'talent tajjeb kien hawn.[15] Iżda l-qagħda kurrenti ma ħallitilhomx motivazzjoni biex jikkontribwixxu serjament f'dik li minn dejjem kienet l-aktar għalqa importanti tal-espressjoni mużikali Maltija. Il-qawwa oligarkika li kellhom il-Kappelli Bugeja u Nani fix-xogħol fil-knejjes, fis-seklu dsatax, fgat kważi għal kollox kull dħul potenzjali ta' surmastrijiet ġodda b'ideat innovattivi. Il-biċċa l-kbira tal-kompożizzjonijiet użati miż-żewġ Kappelli Bugeja u Nani kienu miktuba meta s-surmastijiet kienu qegħdin jibnu l-Kappelli. La darba laħqu l-pożizzjoni dominanti ftit kitbu materjal ġdid.

### Il-Knisja kif ġabet ruħha quddiem din is-sitwazzjoni?

Fl-aħħar inqalgħu ċirkostanzi li gradatament ġabu fi tmienhom il-partiti. Iżda dawn iċ-ċirkostanzi ma kinux frott ta' deċiżjonijiet interni. Dawn iċ-ċirkostanzi bdew ġol-Vatikan fl-1903, meta l-Papa Piju X ħareġ *Motu Proprio*[16] li bih wera d-diżapprovazzjoni tiegħu għall-mużika wisq teatrali li kienet tindaqq fil-knejjes Kattoliċi, inklużi naturalment dawk ta' Malta. Spjega li fil-mużika liturġika l-kwalitajiet l-aktar xierqa huma l-ispiritwalità, il-forma u l-universalità, u dawn il-kwalitajiet jinsabu fl-aqwa grad fil-kant Gregorjan u fil-polifonija klassika ta' żmien Palestrina. Mużika oħra, ukoll dik kontemporanja, tkun ittollerata sakemm ma tkunx teatrali u tkun tinkoraġġixxi d-devozzjoni. Fl-aħħar nett, il-Papa talab li l-isqof ta' kull djoċesi jwaqqaf minnufih kummissjoni speċjali ta' nies kompetenti bid-dmir li tgħasses fuq il-mużika liturġika u tara li l-istruzzjonijiet li ta jitħarsu.

### Kif intlaqa' mill-Maltin il-*Motu Proprio* tal-Papa Piju X?

Bl-ebda mod immaġinabbli ma kienu x-xogħlijiet liturġiċi użati mill-Kappella Nani u l-Kappella Bugeja skont il-linji li ried il-Papa, iżda għalkemm l-Isqof Mons. Pietro Pace saħaq li kien se jara li l-editt tal-Papa jkun segwit fil-knejjes Maltin, is-surmastrijiet fil-kariga ma tawx kas. Probabbli ttamaw li l-forza tal-partiti li kienu warajhom kienet kbira biżżejjed biex tbaxxi ras il-ġerarkija ekkleżjastika u b'hekk jgħaddi kollox mar-riħ, kif jgħaddu hawn Malta tant u tant affarijiet.



Parti mill-udjenza waqt it-taħdita

Il-gazzetti kellhom sehem kbir fil-battibekk aħrax li nqala'. Skont il-gazzetta *Malta Tagħna*:[17]

Hawn diġà min beda jgemgem, għax din il-biċċa m'għoġbitux, għaliex fanatiċi għall-mużika għandna biżżejjed. Imma l-Papa ma qalx li mużika fil-knejjes ma jridx; irid biss li tkun xierqa għat-tempju t'Alla, u mhux ħafna bċejjeċ teatrali jaqilbuhom f'salmi, f'antifoni u f'tantum ergi.[18]

**Imma xi jiem wara fl-istess gazzetta kien hemm artiklu b'ton ferm differenti:**

U nissopponi jien li anke dan il-*Motu Proprio* tal-Papa hawn Malta tawh interpretazzjoni differenti minn dak li realment irid il-Papa... ċertament li l-Papa għandu r-raġunijiet tiegħu, imma dan il-*Motu Proprio* m'għamlux għal Malta. Il-għaliex kieku kienet ħaġa possibbli li l-Papa jiġi Malta u jara u jisma' l-mużika ta' San Ġwann u l-parroċċi kollha ta' Malta fil-festa tal-Ġimgħa l-Kbira, kieku ibqa' żgur, Sur Editur, li kien joħroġ *Motu Proprio* ieħor u jordna li fil-knejjes tal-Kattoliċi fid-dinja kollha l-mużika għandha ssir bħalma ssir fil-knejjes ta' Malta.[19]

Kien f'daż-żmien, nhar it-Tlieta, 22 ta' Marzu 1904, fil-ħdax ta' billejl, li għalaq għajnejh għal dejjem, fl-età ta' disgħin sena, fid-dar tiegħu ta' Triq Nofsinhar, il-Belt,[20] il-bniedem li ddomina l-mużika Maltija fis-seklu dsatax u li aktar minn kull kompożitur ieħor kien sawwar dik il-mużika li issa kellha tispiċċa. Il-ġurnal *Malta Tagħna* kkummenta:

Is-surmast Nani ra li l-mużika mietet minn Malta, ried imut huwa wkoll.[21]

Mewtu ġabet niket mhux biss fil-familja u fil-partit Nanista imma fil-pajjiż kollu. Il-funeral sar fl-24 ta' Marzu, jumejn wara li miet, u kien l-aktar funeral spettakolari[22] li qatt onora mużiċista, jekk mhux ukoll figura pubblika, Malti. Skont rapporti fil-ġurnali, il-korteo li mexa wara t-tebut kien tant twil li l-Kapitlu ta' San Pawl Nawfragu kien diġà fil-knisja meta kien għad hemm persuni fi Triq Nofsinhar jistennew biex jidħlu fih. Folla immensa min-naħat kollha ta' Malta daħlet il-Belt biex tara l-korteo u ssellem lill-mejjet.

Jinħass li, barra n-niket li mewt Paolo Nani ġabet kullimkien, fl-espressjoni funebri tant spettakolari tal-poplu Malti kien hemm ukoll ħjiel ta' protesta kontra t-tibdiliet li kienu deħlin fil-mużika tal-knisja, espressjoni nostalġika għall-użanzi mużikali li kienu se jintemmu.

Fit-taħwid u l-protesti li nqalgħu kien biss għall-aħħar ta' Jannar tal-1907 li l-Isqof Pace ħareġ struzzjonijiet irrevokabbli. Spjega l-ħtieġa li titbiegħed mill-knejjes Maltin dik il-mużika mimlija tendenzi teatrali, preludi, interludi, kaballetti, ripetizzjonijiet u taqlib tat-testi sagri. Filwaqt li ppermetta d-daqq ta' strumenti mużikali fosthom perkussjoni u ram, li jistgħu jinkwadraw denjament il-kant, ta sitt xhur nifs biex il-*maestri di cappella* jirranġaw il-pożizzjoni tagħhom. Obbliga lis-superjuri u l-prokuraturi tal-knejjes li, kif jgħaddu dawn is-sitt xhur, l-ebda mużika ma setgħu jippermettu ħlief dik li tkun skont il-fehma tal-Papa u li jkollha l-permess tal-Kurja.[23]

**L-artikolista tal-*Malta Tagħna* kkummenta:**

Jekk però (is-Surmast Nani u s-Surmast Bugeja) jibqgħu jostinaw ruħhom, bħalma ilhom jagħmlu tliet snin, jeħtieġ inħallu l-passjoni fil-ġenb, jeħtieġ nifhmu li ma nistgħux nabbużaw aktar mill-forza tal-partiti, jeħtieġ inxejru lkoll bandiera waħda[24] il-



Joe Vella Bondin waqt it-taħdita



Il-President Lino Borg jagħti tifkira lil Joe Vella Bondin

festa 2011

bandiera tar-reliġjon, li trid minna ubbidjenza lejn il-Papa fil-ħwejjeġ kollha tal-knisja.[24]

Riccardo Bugeja sa fl-aħħar kiteb quddiesa, *Messa a tre voci e orchestra in omaggio alla Immacolata Maria*, tela' biha Ruma u ġab l-approvazzjoni tal-Kummissjoni Rumana f'Jannar 1908. Anton Nani għamel adattament tal-*Messa del Naufragio* li ġiet approvata mill-Kummissjoni Rumana f'nofs l-istess sena.

Iżda d-dewmien li jieħdu immedjatament azzjoni biex jiktbu mużika fuq il-linji li ried il-Papa kien fatali għall-interessi tagħhom għax ippermetta kompożituri u surmastrijiet żgħażagħ li jippenetraw b'mod importanti fil-mużika ekkleżjastika. Biżżejjed insemmu lil Carlo Diacono, Giuseppe Caruana u Giuseppe Camilleri. B'interess issa mxerred bejn ħafna surmastrijiet, tkissret is-saħħa tal-partiti. Inħolqu wkoll sitwazzjonijiet nazzjonali ġodda, forsi aktar vitali, fosthom il-Gwerra l-Kbira tal-1914 u t-tkabbir tal-partiti politiċi. B'dawn is-sitwazzjonijiet ġodda, il-mużika tal-Kappella Nani u tal-Kappella Bugeja ma baqgħux aktar suġġett għall-partiġġjaniżmu sfrenat li kien okkupa l-attenzjoni tal-poplu Malti għal kważi mitt sena.

Riferenzi

1 *L'Osservatore Maltese*, 19 ta' Lulju, 1844, p. 420.
2 *Il Portafoglio Maltese*, 7 ta' Awwissu, 1844, p. 3224.
3 Il-funeral kien dak tal-Kardinal Fabrizio Sceberras Testaferrata li miet f'Sinegalja fit-3 ta' Awwissu 1843. Il-quddiesa funebri saret fit-2 ta' Settembru fil-Konkatidral.
4 *L'Osservatore Maltese,* 7 ta' Settembru, 1843, p. 265.
5 *L'Osservatore Maltese*, 30 ta' Marzu, 1844, p. 370.
6 Salvino Busuttil (1988), p. 155.
7 Minn 120,000 fl-1850 għal 180,000 fl-1900. Vide Carmel Cassar (1988), p. 93.
8 Edward Zammit (1988), p. 173.
9 Carmel Cassar (1988), p. 91.
10 U qatt ma kiteb.
11 *Corriere Mercantile Maltese*, 20 ta' Jannar 1874, p. 1. Is-surmast kien Riccardo Bugeja. Il-familji Bugeja u Nani t-tnejn kienu joqogħdu l-Belt Valletta, kif diġà semmejna.
12 *Corriere Mercantile Maltese*, 18 ta' Frar 1874, p. 2.
13 *Corriere Mercantile Maltese*, 19 ta' Jannar 1880, p. 2.
14 Arkivju Kurja Furjana, *Supplicationes, Miscellanea*, Kaxxa 70, Nru. 125.
15 Nistgħu nsemmu lil Francesco Decesare (1837-1905), Luigi Fenech (1837-1905), Luigi Barbera (1846-1916), Francesco Saverio Pizzuto (1854-1927), Emanuele Bartoli (1852-1933), u Gaetano Grech (1854-1938).
16 *Motu Proprio* hu t-titlu mogħti lil digrieti dwar l-amministrazzjoni interna tal-knisja maħruġa mill-Papa 'minn rajh'. B'hekk il-Papa, b'inizjattiva personali, jifformola d-dokument kif jidhirlu hu u għalhekk id-digriet mhux riżultat ta' xi talba minn ħaddieħor. Fl-istorja tal-knisja hemm mijiet ta' digrieti *Motu Proprio*.
17 Tista' tgħid li l-ġurnali kollha ta' dak iż-żmien iddaħħlu fil-battalja. Hawn qed nillimita ruħi l-aktar għal dak li deher fil-*Malta Tagħna*.
18 *Malta Tagħna*, 16 ta' Jannar 1904, p. 1
19 *Malta Tagħna*, 16 ta' Marzu 1904, p. 3.
20 L-istabbiliment tal-mużika Nani ta' Triq Nofsinhar, il-Belt Valletta, jagħmel parti mid-dar fejn kienet tgħammar il-familja Nani.
21 *Malta Tagħna*, 26 ta' Marzu 1904, p. 4.
22 Deskrizzjoni qasira tinsab fil-ġurnal *The Malta Times and United Services Gazette*, 24 ta' Marzu 1904, p. 2.
23 *Malta Tagħna*, 23 ta' Marzu 1907, p. 2
24 *Malta Tagħna*, 28 ta' Settembru 1907, p. 2-3.